MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1593/1999/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta' Lulju 1999 a fol. 1 *et sequitur* tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Settembru 1991, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg taghhom hawn anness u mmarkat Dok. "A";

Illi l-konvenuta waqt iz-zwieg ikkommettiet adulterju u, fil-fatt kellha wild ta' terz jismu Jed-Isacc Joseph li twieled f' Ottubru 1995;

Illi b’ sentenza datata dsatax (19) ta’ Novembru 1997, fl-ismijiet **“A vs B”** (Cit. Nru: 724/96NA) Dok. “B” il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili kienet iddikjarat it-tifel Jed-Isaac Joseph wild ta’ terzi u mhux ta’ l-attur;

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli u z-zwieg taghhom tfarrak irrimedjabbilment ghal ragunijiet sufficjenti fil-ligi, fosthom adulterju, eccessi w ingurji gravi da parti tal-konvenuta;

Illi l-attur gie awtorizzat b’ digriet numru 232/99 tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, hawn anness u mmarkat Dok. “C” jipprocedi b’ kawza ghal separazzjoni personali;

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imkputabbli lill-konvenuta u, ghall-finijiet ta’ l-**artikolu 48 paragrafu (c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attur jghix separatament mill-konvenuta;

3. Tapplika kontra l-konvenuta, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti jinqasmu f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenuta rrendiet ruhha hatja tal-firda;

5. *Okkorrendo*, tinnomina perit sabiex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrparesenta lill-eventwali kontumacja tal-konvenuta fuq l-istess att;

6. Tawtorizza lill-attur illi jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 21 ta' Dicembru, 1998, kif ukoll dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u lista ta' dokumenti annessi mac-citazzjoni attrici minn fol. 5 sa fol. 24 tal-process.

Rat is-sentenza fl-ismijiet **"A vs B *proprio et nomine et."*** (P.A, (N.A. 19 ta' Novembru 1997 – Citaz. Numru 724/96/NA) fejn gie ddikjarat li Jed-Isaac li twieled fl-10 ta' Ottubru 1995 ma' huwiex iben A u dan anke kif ammess mill-istess konvenuta u kif jirrizulta mir-rizultati tad-DNA esebiti fl-istess att processwali ta' l-imsemmija kawza. (Dk. "B" – fol. 6 tal-process).

Rat id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri datat 4 ta' Marzu 1999 fejn l-attur gie awtorizzat jipprocedi ghall-separazzjoni b'citazzjoni.

Rat l-abbozz ta' kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet li finalment ma giex iffirmat mill-partijiet u dan jinsab esebit bhala Dok. "D" a fol. 17 tal-process, liema abbozz kien gie allegatament awtorizzat mill-Qorti tas-Sekond'Awla Civili b'digriet datat 13 ta' Ottubru 1998, almenu kif allegat fir-rikors ta' l-attur datat 9 ta' Frar 1999 quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili.

Rat li l-kawza giet appuntata b'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Imhallef Noel Arrigo datata 13 ta' Ottubru 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 21 ta' Frar 2000 a fol. 29 *et sequitur* tal-process fejn eccepixxa :-

1. Illi l-ewwel zewg premessi m'humiex ikkontestati ghajr illi l-konvenuta tirrileva illi l-attur kien abbandunha fl-elf disa' mija erbgha u disghin (1994) fejn kien qed ikollu relazzjonijiet adultera u extra-matrimonjali ghal diversi snin qabel, u ma kien qed jghaddi ebda forma ta' retta alimentari lill-konvenuta tant li hija kellha tfendi ghal rasha bid-differenza illi A biologikament ma setax johrog tqil hu u ghalhekk konvenjenti hafna li jaqbad u jakkuza b'adulterju lill-konvenuta, meta l-fatti kif brevement imfissra jirrispekkjaw xorta ohra;

2. Illi f'dan id-dawl li trid tittiehed it-tielet (3) premessa attrici li l-istess konvenuta qatt ma kkontestat: anzi jizdied jinghid illi, odjernament il-konjugi Bray diga' ilhom *de facto* sseparati sa mill-elf disa' mija tlieta u disghin (1993), cioe' diga; seba' (7) snin, u li kieku fil-pajjiz kellna ligi li tissana d-divorzju, il-konvenuta diga' ilha s-snin iddivorzjata mill-attur, u issa tittama li ma jddumx is-snin qabel dina l-kawza tigi definittivament deciza;

3. Illi f'dawna c-cirkostanzi r-raba' (4) premessa kwazi lanqas ma' aktar taghmel sens, billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti ilha li saret impossibbli snin ilu, iz-zwieg ilu li tfarrak irremidjabbilment, tama ta' rikonciljazzjoni ilha illi ebghet u r-ragunijiet legalment indikati permezz ta' l-**artikolu 38 u 40 tal-Kodici Civili,** mizjud ma' l-**artikolu 41** ta' l-istess **Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jaghmulha cara illi z-zwieg tfarrak b'tort uniku da parti ta' l-attur li da parti taghha l-konvenuta kkonfermat bir-rassenjazzjoni taghha li ma kienx hemm skop li tipprova ssalva z-zwieg ma' persuna rrisponsabbli bhalma dejjem kien l-attur u kif l-istess konvenuta tikkonferma fil-mori tal-kawza;

4. Illi ghal kull *buon fini* z-zewg partijiet ottjenew l-awtorizazzjoni mehtiega da parti tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u ghalhekk it-tnejn li huma huma legalment f'qaghda li jipprocedu ghall-firda personali minn ma' xulxin u f'dawn ic-cirkustanzi l-konvenuta qieghda tivvantagga ruhha mic-cirkustanzi ta' dina l-kawza u taghmel il-kontro-talba taghha;

5. Illi l-eccepjenti taqbel ma’ l-ewwel (1) talba attrici biss ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur u mhux kif l-istess l-ewwel (1) talba hija impustata mill-istess l-ewwel (1) talba hija mpustata mill-istess attur;

6. Illi l-konvenuta titlob il-konferma tat-tieni (2) talba attrici peress illi l-attur diga’ ilu jghix ghal iktar minn seba’ (7) snin separat mir-residenza tal-konvenuta u kwindi m’ hemmx kwistjoni li l-kontendenti qatt jergghu jghixu flimkien mill-gdid, anke kif tali stat ta’ fatt gie kkonfermat quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili nhar il-Hamis, 4 ta’ Marzu 1999 fil-11.00am, fejn sussegwentament il-konvenuta ottjeniet l-awtorizazzjoni mehtiega permezz ta’ digriet numru 235/99 fl-4 ta’ Marzu 1999, wara rikors ta’ l-istess konvenuta odjerna;

7. Illi l-konvenuta qieghda taghmilha cara f’dana l-istadju illi hija fi hsiebha li ttiverti ghal kunjom xbubitha *ossia* l-kunjom Cassar, a bazi ta’ l-**artikolu 62 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** u fejn ghal darb’ ohra tirreferi ghall-kontro-talba taghha ma’ dina c-Citazzjoni odjerna;

8. Illi fir-rigward tat-tielet (3) u tar-raba’ (4) talba attrici, il-konvenuta tirreferi ghad-diversi talbiet li hija qieghda taghmel fil-kontro-talba taghha u li a skans ta’ repetizzjoni tirreferi direttament ghalihom;

9. Illi fir-rigward tal-hames (5) u s-sitt (6) talba attrici dawna ghandhom jigu regolati skond il-ligi billi fic-cirkustanzi huma superfluwi *stante* illi da parti taghha l-konvenuta dejjem kienet pronta b’iktar mod determinanti biex tinfired legalment mill-attur basta li tali firda tirrispekkja l-*verso* similjanza tal-fatti kif sehhew u mhux kif dejjem qabillu biex jghidhom l-istess attur kif per ezempju tindika l-malizjozita’ tieghu fl-ewwel tlett premessi u li ghalihom diga’ tat spjegazzjoni fil-qosor l-istess konvenuta;

10. Illi ghaldaqstant il-konvenuta m’ ghandha tbati ebda forma ta’ spejjez ghadili tindika lil dina l-Qorti illi l-indirizz residenzjali taghha kif l-attur jaf ben tajjeb huwa

Apartament Numru tmienja (8), Apartamenti Gublew tal-Fidda, taz-Zwejt, f' San Gwann, Malta, residenza li wiehed jerga' jirrepeti l-attur jaf ben tajjeb, ghadilli da parti tieghu l-istess attur jibqa' jindika bhala residenza tieghu r-residenza ta' ommu fil-Gzira, billi m' ghandux il-kuragg jghid il-verita' li l-attur bhaz-zring jaqbez minn residenza ghall-ohra ma' nisa differenti li minn zmien ghal zmien joghgbu jadorna lilu nnifsu bihom;

11. Illi salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu u l-lista tax-xhieda minn fol. 33 sa fol. 37 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenuta** datata 21 ta' Frar 2000 a fol.38 tal-process fejn ippremettiet li:-

Illi l-konvenuta trid illi tipprevalixxi lilha nifisha mic-Citazzjoni odjerna u taghmel il-kontro-talba taghha fil-konfront ta' l-attur A;

Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg li pero' kien destinat ghat-tifrik sa mill-bidu nett minhabba l-adulterju da parti ta' l-attur, ragunijiet legalment fondati a bazi ta' l-**artikolu 40 u 41 tal-Kodici Civili,** u fejn ic-cirkustanzi llum jindikaw li l-kontendenti ilhom isspearati *de facto* sa kwazi mill-elf disa' mija tlieta u disghin (1993), cioe' madwar seba' (7) snin ilu;

Illi li minhabba ftit li xejn kien hemm relazzjonijiet intimi bejn il-kontendenti, baqa' ma kienx hemm tfal bejn il-kontendenti u l-uniku wild tal-konvenuta gie minn relazzjoni intima ma' terza persuna u dana wara li l-attur kien kellu diversi relazzjonijiet adulteri u extra-matrimonjali ma' diversi nisa, kif ukoll abbanduna lil l-istess konvenuta b'mod illi dina bilfors riedet tfendi ghal rasha u kien f' dawna c-cirkustanzi psikologikament u fizikament dippressanti illi l-konvnuta kellha r-relazzjoni intima u t-tqala li gia' sar accenn ghaliha huwa hasra f' cirkustanzi bhal dawn illi l-irgiel ma johorgux tqal ukoll billi l-probabbilita' kienet tkun li A kien ikun welled diversi tfal sal-gurnata ta' llum;

Il-konvenuta rikonvenzjonata talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Iz-zwieg li kien sar bejn il-kontendenti konjugi Bray minnu ghandha tigi ddikjarata l-firda personali b’sentenza taz-zewg partijiet kontendenti biex b’ hekk tispicca, ghall-effetti kollha civili, l-obbligu ta’ bejn il-konjugi Bray li jghixu flimkien u b’ hekk tirrispekkja l-qaghda kif diga’ ilha fis-sehh diga’ ghal diversi snin;

2. Il-konvenuta ghandha l-awtorizazzjoni legalment mehtiega bil-ligi, a bazi ta’ l-**artikolu 37 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

3. Din il-firda hija tort unikament imputabbli lill-attur A a bazi tal-adulterju tieghu ma’ diversi nisa u skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 38 tal-Kodici Civili;**

4. Din il-firda hija imputabbli unikament lill-attur a bazi ta’ l-**artikolu 40 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

5. Din il-firda hija unikament imputabbli lill-attur a bazi ta’ **artikolu 41 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

6. Id-dar konjugali li tinsab f’appartament Numru 8, Apartamenti Gublew tal-Fidda, taz-Zwejt, f’San Gwann, ghandha tkun indikata bhala r-residenza esklussiva tal-konvenuta u tal-iben minuri taghha minn terza persuna u fejn ghandha tigi kkonfermata l-ordni mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili illi ga’ ladarba l-istess attur kien abbanduna d-dar konjugali, l-attur ma seta’ qatt kellu pretenzjonijiet residenzjali fid-dar konjugali imsemmija u din is-sitwazzjoni ghandha tigi kkonfermata mhux biss *pendente lite* imma anke *durante vita* ta’ l-istess konvenuta b’mod illi ghal kull buon fini fil-fatt u fid-dritt id-dar konjugali msemmija ghandha tigi ddikjarata bhala d-dar ufficjalment residenzjali tal-konvenuta salv kwalsiasi provvediment li dina l-Qorti jidhirilha xieraq u gust li ghandha taghti u tordna mehud in konisderazzjoni li kif l-attur issa ghandu l-

hajja tieghu, hekk ukoll il-konvenuta issa ghandha l-hajja taghha apparti milli trid tiehu hsieb li trabbi u teduka t-tifel minuri Jed-Isaac Joseph li llum ghandu erba’ (4) snin u erba’ (4) xhur, wild missier mhux maghruf;

8. L-attur ghandu jigi ordnat li jivversa lill-konvenuta dik is-somma bhala manteniment *pendente lite* a bazi ta’ **artikolu 46A tal-Kodici Civili** u artikoli rilevanti ohra bhal **artikolu 54 (1) sa (7), tal-Kap 16,** iz-zewg paragrafi inkluzi b’mod illi dina l-Qorti qieghda tigi mitluba li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni l-possibilita’ li sehem l-attur fid-dar konjugali jigi assenjat *in toto* lill-konvenuta bhala wahda mill-kundizzjonijiet ta’ tpacija f’ dan ir-rigward u anke biex jigi sodisfatt l-ispirtu ta’ l-**artikolu 54 tal-Kodici Civili** bhala per ezempju **paragrafu (3)** ta’ l-istess artikolu u paragrafi ohra li jsegwu wara f’ dan is-sens;

9. Ghandu jkun applikat fil-konfront ta’ l-attur l-**artikolu 48 fl-*intier*** tieghu *ossia* **paragrafu (1) sud-paragrafi (a), (b), (c) u (d)**, u kif dawn jigu interpretati a bazi ta’ paragrafu (2) ta’ l-istess **artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

10. Il-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kontendenti ghandha tigi dikjarata xolta u l-effetti ta’ l-**artikolu 55** ghandhom ikunu applikabbli fid-deskrizzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti;

11. Id-dar taz-zwieg f’appartament Numru 8, Apartamenti Gublew tal-Fidda, taz-Zwejt, f’ San Gwann, ghandha tigi assenjata fir-rimanenti nofs indiviz taghha lil Cassar B, bint Alfred Cassar u Carmen nee’ Galea, imwielda Sliema u li ghandha n-numru tal-Karta tal-Identita’ 125970(M), u dana a bazi ta’ **artikolu 55A tal-Kodici** u anke dak li jintalab mill-istess konvenuta f’ atlniet precedenti f’ din il-kontro-talba odjerna;

12. Il-partijiet kontendenti ghandhom jitilfu d-drittijiet tas-successjoni fil-konfront ta’ xulxin u dana ghal kull buon fini fil-fatt u fid-dritt;

13. Kunjom il-mara s-separazzjoni ghandu jirreverti ghal Cassar, *ossia* kunjom xbubitha u dana fid-dawl ta' l-**artikolu 62(1) tal-Kodici Civili** u fejn dina l-Qorti qieghda tintalab li taghti l-ordnijiet mehtiega lill-Awtoritajiet kompetenti biex tali bdil fil-kunjom tal-konvenuta jkun ufficjalment iddikjarat u rregistrat;

14. Ghandhom jinghataw kwalsiasi provvedimenti opportuni fid-dawl tat-talbiet tal-konvenuta skond kif hawn fuq indikati u dana anke a bazi ta' l-**artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

15. Illi l-konvenuta m' ghandhiex tbati ebda forma ta' spejjez minhabba l-fatt ovvju tal-htigijiet b' risponsabbilitajiet unikament attribwiti lill-istess attur;

16. Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji w extra-gudzzjarji, kontra l-attur li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni taghha, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol.43 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat datat 6 ta' Marzu 2000 a fol. 47 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi, preliminarjament, l-isfilz tal-kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonati *ai termini* ta' l-**artikolu 159 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** *in vista* tal-fatt li fil-premessa numru tlieta hemm hwejjeg u kummenti mhux mehtiega sabiex jigu mfissra l-fatti sustanzjali fic-citazzjoni;

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, m' huwiex asolutament minnu illi l-attur rikonvenzjonat qatt kkommetta adulterju, liema zwieg tfarrak unikament b'tort tal-konvenuta rikonvenzjonanti minhabba adulterju, sevizzi, mohqrija w eccessi ohra da parti taghha;

3. Illi l-attur rikonvenzjonat gie kostrett jabbanduna d-dar matimonjali proprju minhabba l-adulterju sfaccat da parti ta' l-istess konvenuta kif ukoll minhabba l-eccessi u

sevizzi da parti taghha kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi *in vista* ta' l-adulterju nkontrovertibbli u, naturalment, ammess da parti tal-konvenuta rikonvenzjonati, l-istess konvenuta tilfet id-dritt ghall-manteniment kif jiddisponi l-**artikolu 48 (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

5. Illi, fi kwalunkwe kaz, *ex admissis*, l-istess konvenuta qieghda tahdem kif jrrizulta mill-paragrafu numru tnejn tad-dikjarazzjoni guramentata min-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha;

6. Illi, ghalhekk it-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti, partikolorment it-talbiet c, d, e, f, g u h, huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez;

7. Illi salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu u l-lista ta' xhieda a fol. 48 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Marzu 2000 fejn il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr Veronica Galea Debono biex tigbor il-provi fuq il-mertu.

Rat ir-rikors ta' l-attur fejn talab l-isfilz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta *ai termini* ta' l-**artikolu 159 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, jew, fin-nuqqas, jinghata kwalunkwe provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha aktar opportun fic-cirkostanzi.

Rat id-digriet datat, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b' erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenuta datata 10 ta' April 2000, minn fol. 53 sa fol. 56.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-16 ta’ Mejju 2000 li rrizervat li tipprovdi wara li tisma’ lill-partijiet fis-seduta li jmiss.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Gunju 2000 fejn il-Qorti diversament presjeduta kif inghad cahdet it-talba ta’ l-isfilz tan-nota ta’ l-eccezzjoni tal-konvenuta minkejja li taqbel mal-kontenut tar-rikors ta’ l-attur ta’ l-14 ta’ Marzu 2000. Dwar dan pero’ il-Qorti tipprovdi fi stadju ulterjuri ghax fil-fehma taghha dan ma ghandux iwassal ghall-isfilz ta’ l-eccezzjonijiet. L-Assistenta Gudizzjarja Dr Veronica Galea Debono prezenti fl-Awla giet infurmata bl-inkarigu taghha.

Rat il-verbal tal-11 ta’ Dicembru 2000 fejn il-Qorti diversament presjeduta ssollecitat lill-Assistenta Gudizzjarja biex tiehu hsieb l-inkarigu taghha. Sadanittant giet infurmata li l-attur kien sejjer jipprezenta rikors fir-rigward tad-dar matrimonjali liema rikors jinstema’ mill-Qorti separatament mill-kawza.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 14 ta’ Marzu 2001, id-digriet datat 20 ta’ Marzt 2001, ir-risposta datata 2 ta’ April 2001, il-verbal fl-atti ta’ l-istess minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta’ Lulju 2001 u 31 ta’ Ottubru 2001, l-avviz ta’ l-istess Qorti datat 11 ta’ Frar 2002 fejn l-istess rikors gie differit quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghas-17 ta’ April 2002 u l-verbal tas-seduta tas-17 ta’ April fejn il-Qorti cahdet it-talba ta’ l-att fir-rikors tieghu 14 ta’ Marzu 2001.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Gunju 2001 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn ma deher hadd.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Novembru 2001 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn Dr Jackie Scerri ghall-attur infurmat lill-Qorti li l-provi ma kienux qed jingabru. Il-Qorti issollecitat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr. Veronica Galea Debono biex tiffissa seduti ghall-gbir tal-provi.

Rat l-avviz tal-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 22 ta’ April 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghat-23 ta’ Ottubru 2002.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti kif attwalment presjeduta tat-23 ta’ Ottubru 2002 fejn inghata digriet tal-affidavits tal-partijiet – ta’ sittin (60) jum skond l-istess anness digriet ta’ l-istess data. Il-Qorti ordnat lill-Assistant Gudizzjarju biex wara tali termini ghal-affidavits tiffissa sitt seduti ghall-provi kollha tal-partijiet u wara tali seduti l-provi tal-partijiet gew iddikjarati maghluqa. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-10 ta’ Dicembru 2003. Aktar tard dehret Dr Veronica Galea Debono li hadet konjizzjoni ta’ l-istess verbal.

Rat in-nota ta’ l-attur **A** datata 27 ta’ Mejju 2003, a fol. 66, li permezz taghha ipprezenta l-affidavit tieghu; ta’ missieru **Charles Bray**; ta’ ommu **Esther Bray** u ta’ ohtu **Joyce Bray**.

Rat li l-istess affidavits gew notifikati lill-konvenuta fl-20 ta’ Mejju 2002 kif jidher *a tergo* ta’ fol. 84 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 28 ta’ Mejju 2003 fejn talab lill-Qorti tawtorizzah itella’ bhala xhud lil Maria Dolores Colombo minhabba li ma gietx indikata fil-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tad-29 ta’ Mejju 2003 fejn laqghet it-talba kontenuta fir-rikors tat-28 ta’ Mejju 2003.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja Dr. Veronica Galea Debono fis-27 ta’ Mejju 2003 fejn ma’ instemghet ebda xhieda, tid-9 ta’ Gunju 2003 fejn deher biss l-attur u kull ma’ pprezenta kien biss nota b’oggetti formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, tat-28 ta’ Ottubru 2003 fejn xehdet **Maria Dolores Colombo** prodotta mill-attur u fejn l-attur iddikkjara li ma kellux provi izjed, fit-12 ta’ Novembru 2003 u fit-28 ta’ Novembru 2003, fejn fl-istess seduti intenzjonati ghall-provi tal-konvenuta, la dehret hija u lanqas id-difensur taghha, kollox minn fol. 88 sa fol. 99 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 9 ta’ Gunju 2003, a fol. 95 li biha esebixxa kopja tal-kontenut tal-komunjoni tal-akkwisti konsistenti fil-flat, il-mobbli kollha ta’ gol-flat u l-karozza

Cielo Reg. No. 876 li skond l-attur tinsab bla numru gjo garaxx.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2003 fejn dehret biss Dr. Katya Azzopardi ghall-attur; l-konvenut u d-difensur taghha msejhin diversi drabi baqghu ma' dehrux. Il-Qorti giet infurmata li l-attur kien ilu li ghalaq il-provi tieghu u li l-Assistent Gudizzjarju ffissat seduti ghall-provi tal-konvenuta li baqghet ma attendietx. Il-Qorti ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa. Il-Qorti pprefiggiet terminu ta' 90 gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu 90 gurnata biex jirrispondi, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenut jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attur. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-15 ta' Gunju 2004.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur datata 10 ta' Marzu 2004, minn fol. 116 sa fol. 120 li gie notifikata lill-konvenuta fis-17 ta' Marzu 2003 kif jidher *a tergo* ta' fol. 124 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Gunju 2004 fejn il-konvenuta u d-difensur taghha msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr Katya Azzopardi ghall-attur talbet differiment biex tipprovdi stima tal-mobbli u l-immobbli. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghas-27 ta' Ottubru 2004.

Rat il-verbal datat 27 ta' Ottubru 2004, fejn il-kawza giet differita minhabba indispozizzjoni ta' din il-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2005 fejn Dr Katya Azzopardi ghall-attur prezenti pprezentat stima tal-immobbli. L-attur iddikjara li l-ghamara hija tal-konvenuta. Il-konvenuta ddikjarat li ghandha tifel bi bzonnijiet specjali peress li ghandu *"Attention Deficit Disorder".* Il-Qorti tat l-ahhar fakulta' lill-konvenuta sabiex fi zmien 30 jum minn dakinhar tipprezenta nota t'osservazzjonijiet b'kopja lill-kontro-parti. L-attur iddikjara li qed jippretendi li d-dar

matrimonjali jew tinbiegh u r-rikavat jinqasam bin-nofs wara li jithallas id-dejn, jew il-konvenuta tixtri sehmu. Il-konvenuta allegat li kien d-dejn li hemm u li minnu baqa' Lm2000 thallas kwazi kollu minnha. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-9 ta' Gunju 2005.

Rat in-nota ta' l-attur datata 10 ta' Marzu 2005, a fol. 125 fejn esebixxa stima ta' dik li kienet id-dar matrimonjali redatta mill-Perit Alan Saliba fejn indika li d-dar tiswa Lm30,000 tali stima datata 25 ta' Frar 2005 u rendikont ta' self mill-HSBC Home Loans (Malta) Limited fejn fl-24 ta' Frar 2005 jidher li kien hemm zbilanc ta' Lm2,58.98 skond Dok. "B" a fol. 127 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju 2005 fejn Dr Emmy Bezzina li kien jipprezenta lill-konvenuta rrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenuta ghax ivverbalizza li l-konvenuta baqghet ma kkomunikatx mieghu. Il-konvenuta msejha diversi drabi baqghet ma dehritx. Dr Katya Azzopardi talbet li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghat-30 ta' Novembru 2005 ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tar-rikors tal-attur datat 14 ta' Marzu 2001, fejn talab lil din il-Qorti biex joghgobha tirrevoka d-digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u takkorda lir-rikorrent li jghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta' l-intimata.

Rat id-digriet datat 17 ta' April 2002 fejn il-Qorti cahdet it-talba.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti kienu ilhom jafu lil xulxin circa seba' snin qabel ma zzewgu. Kellhom gherusija pjuttost normali. Fl-affidavit tieghu l-attur jixhed li l-konvenuta riedet titlaq mid-dar u ghamlet pressjoni fuqu biex jizzewgu. Hija bdiet tahdem meta kienu qed johorgu

flimkien u kompliet anki wara z-zwieg. Meta zzewgu hija kienet uriet li l-hajja mizzewga ma kinitx toghgobha u ftit kienet turi nteress fid-dar. Kienet traskurata u ma taghti kaz xejn. Jghid li lanqas issajjar ma kienet u tahsel il-hwejjeg taghha biss. Wara li kienu ilhom ftit xhur mizzewgin hi bdiet tahdem filghaxija kuljum u kienet tidhol id-dar tard hafna. B'hekk ftit kien ikollhom hin biex iqattghu flimkien. Ghalhekk beda l-glied u l-inkwiet bejniethom ghaliex il-konvenuta ma riditx tieqaf tahdem dawk il-hinijiet. Hija kienet spiss tohrog bil-lejl.

Illi l-attur jghid li kellu suspetti li martu seta' kellha lil xi hadd iehor. Darba qaltlu li kienet tqila u li t-tarbija ma kinitx tieghu. Huwa jghid li xorta baqa' maghha u accetta lit-tarbija ghax haseb li setghet tikkalma. Izda wara t-twelid tat-tarbija l-affarijiet baqghu l-istess u bejniethom is-sitwazzjoni aggravat. B'hekk darba minnhom wara glieda kbira huwa telaq u mar ghand il-genituri tieghu. Sussegwentement mar jghix f'appartament mikri u minhabba li l-kera kienet gholja, kollega tieghu mara marret taqsam l-appartament mieghu. Huwa ppreciza li ma kienux johorgu flimkien. Wara ftit omm din il-mara mietet u kellha tmur toqghod ghand missierha u hu rega' mar jghix mal-genituri tieghu. Huwa u martu ppruvaw jaslu ghal separazzjoni bonarja izda dan ma rnexxiex. Illum il-gurnata martu qed tghix fid-dar matrimonjali ma' terza persuna cioe' Christopher Colombo.

Illi l-versjoni tal-attur giet korroborata mix-xhieda prodotti minnu cioe' mill-genituri tieghu minn ohtu u taf ukoll mart Christopher Colombo, Maria Dolores Colombo, xehdet li zewgha joqghod ma' mart l-attur. Fuq kollox jinghad li rigward it-tarbija hemm sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fid-19 ta' Novembru 1999 fl-ismijiet **"A vs B *proprio et nomine et"*** fejn it-tarbija giet dikjarata li mhiex il-wild naturali ta' l-attur.

Illi hawn irid jinghad ukoll li minkejja li l-konvenuta kellha diversi opportunitajiet sabiex taghti x-xhieda taghha kemm bl-affidavits, u wkoll *viva voce* inkluz quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Veronica Galea Debono u wkoll il-Qorti stednitha sabiex tressaq il-provi taghha f'diversi modi u

termini hija baqghet ma’ ghamlet xejn minn dan, hlief pprezentat kontro-talba u eccezzjonijiet li t-tul taghhom huwa abbusiv, kif gja rrimarkat din il-Qorti diversament presjeduta.

Illi veru li hija pprezentat dikjarazzjoni guramentata taghha ma’ l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba fejn hi sostniet li kien zewgha li abbandunaha u qatt ma taha manteniment u wara li kien ilu jibdilha ma’ diversi nisa. Izda hija bl-ebda mod mhux biss ma ikkoroborat l-istess, izda ma resqet l-ebda prova kwalunkwe in sostenn ta’ almenu wahda mill-allegazzjonijiet taghha; in verita’ lanqas sottomissjonijiet ma resqet, minkejja li anke f’din ic-cirkostanza, din il-Qorti tat lill-konvenuta diversi opportunatijiet sabiex taghmel dan; tant ma uriet l-ebda interess f’din il-kawza tul il-pendenza kollha taghha li d-difensur taghha fis-seduta tal-5 ta’ Gunju 2005 irrinunzja ghall-patroncinju taghha ghax huwa jghid li l-konvenuta baqghet ma kkomunikatx mieghu.

Illi fic-cirkostanzi ma hemm l-ebda dubju li mill-provi prodotti l-allegazzjoni attrici hija l-unika wahda li fil-fatt giet ippruvata u wkoll ikkoroborata kemm mix-xhieda prodotta, u wkoll ghal dak li huwa adulterju, kkonfermata b’sentenza tal-Qorti li ghaddiet in gudikat fejn l-konvenuta jirrizulta li kellha tarbija minn relazzjoni taghha ma’ terza persuna; ghalhekk ma’ hemm l-ebda dubju li versjoni tal-attur hija l-aktar wahda verosimili.

Illi fil-fatt jinghad li l-istess attur irnexxielu jipprova bla ebda dubju kwalunkwe li l-konvenuta ikkommettiet adulterju u kellha tarbija minn haddiehor. Anzi jirrizulta li huwa kien lest li jinsa dan izda hi ma wrietx interess li tibdel hajjitha u ggib ruhha ta’ mara responsabbli u ghazlet minflok li tghix hajja ta’ divertiment u fil-fatt kompliet relazzjoni ma’ ragel iehor. B’hekk ma hemm ebda dubju li dan iz-zwieg tkisser b’mod irrimedjabbli tort tal-konvenuta, kemm minhabba adulterju u kemm minhabba l-aggravji l-ohra msemmija mill-attur fic-citazzjoni tieghu.

Illi min-naha l-ohra l-allegazzjoni taghha li l-attur bidilha ma gietx ippruvata, anzi bil-kontrarju gie ppruvat li kienet hija li ilha issa is-snin tikkoabita ma’ terza persuna f’dik li kienet id-dar matrimonjali tal-kontendenti. L-allegazzjonijiet kollha l-ohra vantati mill-konvenuta kollha ma gewx ippruvati, anke peress li l-istess konvenuta fl-ebda stadju tal-kawza ma’ resqet xi forma ta’ prova. Anzi hafna mill-allegazzjonijiet jikkostitwixxu ingurji gravi fihom infushom fil-konfront ta’ l-attur.

Illi l-konvenuta fis-seba’ talba tal-kontro-talba taghha talbet manteniment ghaliha. Jinghad illi l-konvenuta ddekadiet minn tali dritt u fil-fatt din il-Qorti thoss li fil-kaz taghha l-**artikolu 48 tal-Kap 16** ghandu jigi applikat kontra taghha. Illi dan qed jinghad ghaliex fi kwalunkwe kaz jirrizulta li l-konvenuta attwalment tahdem u ghandha ghalhekk introjtu biex tmantni lilha nnifisha.

Illi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti mill-provi prodotti prodotti jirrizulta li din tikkonsisti bazikament fid-dar matrimonjali, Flat Numru 8, Entrata B, formanti parti minn blokk ta’ flats li jisimhom ‘Gublew tal-Fidda (1964-1989)’, Taz-Zwejt, San Gwann. Bhalissa qed jghixu f’din id-dar il-konvenuta flimkien mat-tifel taghha u terza persuna ma’ min il-konvenuta qed tikkoabita.

Illi l-attur ipprezenta stima ta’ l-istess dar maghmula mill-Perit Alan Saliba. Il-valur moghti huwa ta’ Lm30,000 (*vide* Dok. “A” a fol.126 tal-process). Fuq din id-dar hemm dejn ta’ circa Lm2,158.98 *(vide* Dok. “B” a fol.127 tal-process).

Illi fis-seduta tal-10 ta’ Marzu 2005 l-attur iddikjara li qed jippretendi li d-dar matrimonjali, jew tinbiegh u r-rikavat jinqasam bin-nofs wara li jithallas id-dejn, jew li l-konvenuta tixtri sehmu. Il-konvenuta allegat li d-dejn li kien hemm u li minnu baqa’ Lm2,000 thallas kwazi kollu minnha.

Illi jinghad li l-allegazzjoni li d-dejn li kien hemm fuq l-istess dar thallas kwazi kollu mill-konvenuta ma gietx ippruvata minnha tant li ma pproduciet l-ebda prova f’dan ir-rigward, u ma hemm l-ebda dubju li la darba din kienet l-

allegazzjoni taghha l-oneru ta' prova dwar l-istess kien jispetta lilha. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li ma ghandha l-ebda ghazla ohra hlief li tiddeciedi li dik li kienet id-dar matrimonjali ghandha tinbiegh in subasta u mir-rikavat l-ewwel jithallas l-istess dejn gravanti l-istess fond mas-socjeta' HSBC Home Loans plc skond l-kont numru 56024537 (fl-ahhar rendikont ta' l-istess datat 24 ta' Frar 2005 kien hemm debitu ta' Lm2,158.90) u mbaghad il-bilanc mir-rikavat tal-bejgh in subasta jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. L-istess fond ghandu jinbiegh bil-pussess vakanti u ghal dan l-iskop l-konvenuta ghandha tizgombra ruhha mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju ta' erbghin (40) gurnata mid-data ta' din is-sentenza. Fin-nuqqas li l-istess konvenuta taderixxi ruhha ma' l-istess fit-terminu qasir u perentorju hawn moghti lilha, l-attur huwa awtorizzat sabiex bl-assistenza tal-Marixxali tal-Qorti jizgombra lill-istess konvenuta mill-istess fond immobiljari Flat Numru 8, Entrata B, formanti parti minn blokk ta' flats li jisimhom 'Gublew tal-Fidda (1964-1989)', Taz-Zwejt, San Gwann.

Illi l-komunjoni tikkomprendi wkoll fiha l-mobbli gewwa l-imsemmi flat. Fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2005 l-attur iddikjara li l-ghamara hija tal-konvenuta. B'hekk l-ghamara qed tigi assenjata lill-konvenuta u l-istess konvenuta ghandha b'hekk id-dritt li tiehu maghha l-istess mobbli meta effettivament tohrog mid-dar konjugali, b'dan li kull kont inkonnessjoni mas-servizz u provista ta' dawl ilma u telefon in konnessjoni ma' l-istess immobbli ghandu jibqa' a karigu tal-konvenuta sad-data meta effettivament tohrog mill-istess immobbli.

Illi l-attur fin-nota tieghu nizzel li hemm karozza Daewoo Cielo li kienet iggib in-numru ta' registrazzjoni AAR 876 u li bhalissa tinsab bla numru gewwa garaxx. Din il-karozza qed tigi assenjata lill-istess attur b'dan li l-istess attur qed jinzamm responsabbbli ghal kull ammont li jista' jkun dovut fuq l-istess karozza, inkluz il-hlas tal-licenzji kollha relattivi.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tichad il-hames talba attrici u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn premess** b'dan illi:-

(1) Tilqa' l-ewwel talba attrici billi tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenuta minhabba eccessi, ingurji gravi u adulterju kommessi mill-konvenuta fil-konfront ta' l-attur u minhabba l-istess l-hajja bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabilment;
(2) Tilqa' t-tieni talba attrici billi tawtorizza lill-attur jghix separatament mill-konvenuta u fil-fatt l-istess partijiet ilhom *de facto* separati;

(3) Tilqa' t-tielet talba attrici u tapplika kontra l-konvenuta d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fl-*intier* taghhom;

(4) Tilqa' ir-raba' talba attrici billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tordna likwidazzjoni u divizzjoni ta' l-istess fis-sens fuq indikat f'din is-sentenza b'dan billi tordna il-bejgh in subasta tal-fond Flat Numru 8, Entrata B, formanti parti minn blokk ta' flats li jisimhom 'Gublew tal-Fidda (1964-1989)', Taz-Zwejt, San Gwann b'dan li mir-rikavat ta' l-istess bejgh l-ewwel jithallas l-istess dejn gravanti fuq l-istess fond mas-socjeta' HSBC Home Loans plc skond l-kont numru 56024537 (Dok. "B" – fol. 127 ) u mbaghad il-bilanc mir-rikavat tal-bejgh in subasta jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. L-istess fond ghandu jinbiegh bil-pussess vakanti u ghal dan l-iskop l-konvenuta ghandha tizgombra ruhha mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju ta' erbghin (40) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, u fin-nuqqas li l-istess konvenuta taderixxi ruhha ma' l-istess fit-terminu qasir u perentorju hawn moghti lilha, l-attur huwa awtorizzat sabiex bl-assistenza tal-Marixxali tal-Qorti jizgombra lill-istess konvenuta mill-istess fond immobbiljari hawn indkat u deskritt;

Illi ghamara kollha li tinsab fl-istess fond qed tigi assenjata lill-konvenuta u ghalhekk l-istess konvenuta ghandha b'hekk id-dritt li tiehu maghha l-istess mobbli meta effettivament tohrog mid-dar konjugali, b'dan izda li kull kont inkonnessjoni mas-servizz u provista ta' dawl, ilma u telefon in konnessjoni ma' l-istess immobbli u kull servizz iehor fl-istess imobbli ghandu jibqa' a karigu tal-konvenuta sad-data meta effettivament hija tohrog u tizgombra ruhha mill-istess immobbli;

Illi l-karozza Daewoo Cielo bin-numru ta' Registrazzjoni AAR 876 qed tigi assenjata lill-istess attur b'dan li l-istess attur huwa tenut responsabbli ghal kull ammont li jista' jkun dovut fuq l-istess karozza, inkluz il-hlas tal-licenzji kollha relattivi;

5) Tichad il-hames talba attrici *stante* li ma hemmx bzonnha;

6) Tilqa' s-sitt talba attrici billi tawtorizza lill-attur illi jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza attwalment moghtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez kollha tac-citazzjoni attrici kontra l-konvenuta.

Illi rigward il-**kontro-talba tal-konvenuta** din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat, **tichad it-talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha indikati bin-numru 4 u bl-ittri (c) (d) (e) (f) (g) (h) (j) (m) u (n) u filwaqt li tastejni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ittra (b) tilqa' t-talbiet l-ohra tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha inkluzi dawk bl-ittra (a) (f) (i) (k) (l) biss fis-sens hawn deciz anke in konnessjoni mac-citazzjoni attrici** b'dan illi:-

(a) Tilqa' t-talba bl-ittra (a) biss fis-sens li tiddikjara il-firda personali bejn kontendenti biex b'hekk jispicca, ghall-effetti kollha civili, l-obbligu ta' bejn il-konjugi Bray li jghixu flimkien u b'hekk tirrispekkja l-qaghda kif diga' ilha fis-sehh ghal diversi snin u dan minhabba ragunijiet

imputabbli unikament lill-istess konvenuta u dan peress li l-istess konvenuta hija hatja *verso* l-attur ta' eccessi, ingurji gravi u adulterju kommess mill-konvenuta fil-konfront ta' l-istess attur u minhabba l-istess hajja bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabilment;

(b) Tastjeni milli tiehu konkizzjoni tat-talba indikata bl-ittra (b) *stante* li hija superfluwa;

(c) Tichad it-talba bl-ittra (c) *stante* li l-firda personali sehhet ghar-ragunijiet imputabbli biss lill-konvenuta kif gja gie deciz u ddikjarat f'din is-sentenza;

(d) Tichad it-talba bl-ittra (d) *stante* li l-firda personali sehhet ghar-ragunijiet imputabbli biss lill-konvenuta kif gja gie deciz u ddikjarat f'din is-sentenza;

(e) Tichad it-talba bl-ittra (e) *stante* li l-firda personali sehhet ghar-ragunijiet imputabbli biss lill-konvenuta kif gja gie deciz u ddikjarat f'din is-sentenza;

(f) Tichad din it-talba indikata bl-ittra (f) b'dan illi minflok tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tordna likwidazzjoni u divizzjoni ta' l-istess fis-sens fuq indikat f'din is-sentenza b'dan billi tordna il-bejgh in subasta tal-fond Flat Numru 8, Entrata B, formanti parti minn blokk ta' flats li jisimhom 'Gublew tal-Fidda (1964-1989)', Taz-Zwejt, San Gwann b'dan li mir-rikavat ta' l-istess bejgh l-ewwel jithallas l-istess dejn gravanti fuq l-istess fond mas-socjeta' HSBC Home Loans plc skond l-kont numru 56024537 (Dok. "B" – fol. 127 ) u mbaghad il-bilanc mir-rikavat tal-bejgh in subasta jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. L-istess fond ghandu jinbiegh bil-pussess vakanti u ghal dan l-iskop l-konvenuta ghandha tizgombra ruhha mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju ta' erbghin (40) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, u fin-nuqqas li l-istess konvenuta taderixxi ruhha ma' l-istess fit-terminu qasir u perentorju hawn moghti lilha, l-attur huwa awtorizzat sabiex bl-assistenza tal-Marixxali tal-Qorti u jizgombra lill-istess konvenuta mill-istess fond immobbiljari hawn indkat u deskritt;

Illi ghamara kollha li tinsab fl-istess fond qed tigi assenjata lill-konvenuta u ghalhekk l-istess konvenuta ghandha b'hekk id-dritt li tiehu maghha l-istess mobbli meta effettivament tohrog mid-dar konjugali, b'dan izda li kull kont inkonnessjoni mas-servizz u provista ta' dawl, ilma u telefon in konnessjoni ma' l-istess immobbli u kull servizz iehor fl-istess immobbli ghandu jibqa' a karigu tal-konvenuta sad-data meta effettivament hija tohrog u tizgombra ruhha mill-istess immobbli;

Illi l-karozza Daewoo Cielo bin-numru ta' Registrazzjoni AAR 876 qed tigi assenjata lill-istess attur b'dan li l-istess attur huwa tenut responsabbli ghal kull ammont li jista' jkun dovut fuq l-istess karozza, nkluz il-hlas tal-licenzji kollha relattivi;

(g) Tichad din it-talba *stante* li l-istess konvenuta tilfet kull dritt ta' manteniment minghand l-attur anke b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fil-konfront taghha;

(h) Tichad din it-talba *stante* li mhux il-kaz li l-**artikolu 48 tal-Kap 16** jigi applikat kontra l-attur *stante* li l-firda personali sehhet minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta esklussivament;

(i) Tilqa' din it-talba biss fis-sens li din il-Qorti ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti kif gja indikat f'din is-sentenza kemm konsegwenti ghac-citazzjoni attrici u tal-kontro-talba tal-konvenuta;

(j) Tichad din it-talba *stante* li mhux il-kaz li l-**artikolu 55 A tal-Kap 16** jigi applikat favur il-konvenuta;

(k) Tilqa' din it-talba biss fis-sens li l-effetti indikati fl-**artikolu 48 tal-Kap 16** f'dawk li huma drittijiet successorji ghandhom jigu applikati kontra l-konvenuta;

(l) Tilqa' din it-talba b'dan li b'effett minn din is-sentenza l-konvenuta ghandha tirriverti ghall-kunjomha ta' xebba Cassar skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 62 (1) tal-Kap 16;**

(m) Tichad din it-talba *stante* li ma hemmx bzonnha.

(n) Tichad din it-talba *stante* li l-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta;

Bl-ispejjez kollha tal-kontro-talba kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------